# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

| IT-TIENI SENA | (Il-Qari u l-Kitba) LIVELL 6-7 | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **10** | |
| | **Is-Smigħ** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **80** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

| | A | B | Ċ | Di | Dii | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marka** | **14** | **10** | **6** | **15** | **15** | **80** |
| **Marka tal-Istudent/a** | | | | | | |

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

# Kelb Bravu

Bejjiegħ tal-laħam kien qiegħed ġol-ħanut meta ra kelb b'qoffina f'ħalqu jipponta biex jidħollu ġol-ħanut. Ipprova jgerrxu imma l-kelb baqa' jipponta sa ma rnexxielu. Ir-raġel induna li ġo dik l-qoffina kien hemm karta u ma'għonq il-kelb kien hemm imdendla borża żgħira bil-flus. *(par. 1)*



Tal-laħam induna x'ried dak il-kelb u poġġielu l-laħam fil-qoffina u dendillu l-borża bil-bqija m'għonqu. Il-kelb dlonk qabad il-qoffina b'ħalqu u telaq lura minn fejn kien ġie. Dan ir-raġel baqa' impressjonat u ddeċieda li jmur warajh. *(par.2)*

Il-kelb beda miexi u f'mument minnhom ried jaqsam t-triq. Huwa mar ħdejn id-dwal tat-traffiku u kif qaleb aħdar il-kelb qasam u warajh qasam tal-laħam. *(par. 3)*

Il-kelb baqa' sejjer fuq l-istejġ tal-karozza tal-linja. Ra n-numru tal-karozza li jrid jirkeb u malli ġiet it-tieni karozza tal-linja rikeb. Hu qagħad bilqiegħda u wara xi għoxrin minuta qam u mar ħdejn ix-xufier. Dan waqqaf il-karozza, fetaħlu l-bieba u l-kelb niżel bil-qoffina f'ħalqu. Tal-laħam baqa' mbellah! *(par. 4)*

Il-kelb baqa' miexi u wara ftit kiser biex jidħol f'dar. Ipprova jagħmel is-saħħa biex jimbotta l-bieb imma għalxejn. Għalhekk tela' f'tieqa u beda jħabbat b'rasu mal-ħġieġa għal ħafna drabi. Fl-aħħar raġel kbir deher jiftaħ u hekk kif il-kelb mexa pass 'il ġewwa dan beda jsawtu bla ħniena. Tal-laħam ma felaħx aktar u mar iwaqqfu. Qallu li qatt ma kien ra kelb hekk bravu. Iżda r-raġel l-ieħor kien pront irrispondih li kieku l-kelb kien bravu ma kienx jerġa' jinsa ċ-ċavetta warajh! *(par. 5)*

Ċerti nies ma jikkuntentaw b'xejn u dejjem iridu jsibu xi difett jew x'jikkritikaw. Tgħallem ara s-sabiħ u t-tajjeb fl-oħrajn u mhux id-difetti tagħhom *(par. 6)*

(Adattament minn *Flimkien Marzu 2010*)

| **Taqsima A. Il-Fehim mill-Qari** | **(14-il marka)** | **__ 14** |
|---|---|---|

**Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek skont is-silta li qrajt.**

1. Għalfejn il-kelb ried jidħol fil-ħanut?

   ______________________________________________**(marka)**

2. X'kien fiha miktub dik il-karta li kien hemm fil-qoffina?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(marka)**

3. Tal-laħam, kif tħallas għax-xirja li ta lill-kelb?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(marka)**

4. Taħseb li t-triq li ried jaqsam il-kelb kienet traffikuża? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(2 marki)**

5. Il-kelb kien jaf liema karozza jrid jirkeb? Agħti raġuni għar-risposta tiegħek.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(marka)**

6. X'għamel il-kelb biex juri lix-xufier li ried jinżel?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(2 marki)**

7. Għaliex  taħseb li minkejja li pprova ħafna l-kelb xorta ma rnexxilux jiftaħ il-bieb tad-dar ?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(marka)**

8. Agħti żewġ raġunijiet għalfejn taħseb li l-kelb beda jħabbat b'rasu mat-tieqa?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(2 marki)**

9. Kieku kellek tikteb titlu ieħor għal din l-istorja, xi jkun u għaliex issemmiha hekk?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(2 marki)**

10. Minn din l-istorja agħżel **kelma** li fil-fehma tiegħek hija importanti. Ħdejha niżżel **għaliex tħoss li hija importanti għall-istorja.** **(marka)**

| **Il-kelma magħżula:** | **Ir-raġuni għaliex tħoss li din il-kelma hija importanti għall-istorja:** |
|---|---|
| | |

| Taqsima B. Il-Grammatika | (10 marki) | ___ 10 |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Agħti **l-għadd imtenni** tal-kelma mmarkata: mexa **pass (**par.5) | (marka) ______ |
| 2. | Agħti **l-plural sħiħ** ta': triq (par.3) | (marka) ______ |
| 3. | Agħti **l-plural miksur** ta': raġel (par.5) | (marka) ______ |
| 4. | Mill-ewwel paragrafu, sib frażi li qiegħda f**l-istat kostrutt**. | (marka) ______ |
| 5. | Mit-tieni paragrafu sib u ikteb verb **kwadrilitteru** | (marka) ______ |
| 6. | Uża **l-pronomi mehmużin** sabiex tikteb il-frażijiet mogħtija **f'kelma waħda**: | |
| | a. qabad il-qoffa (par.2) | (marka) ______ |
| | b. ħdejn ix-xufier (par.4) | (marka) ______ |
| 7. | Minn paragrafu 3 sib il-verb li għandu **l-għerq**: | |
| | a**. m-w-r** | (marka) ______ |
| | b. **q-s-m** | (marka) ______ |
| 8. | Sib u ikteb **il-pronom dimostrattiv** mis-sentenza mogħtija: Dan ir-raġel baqa' impressjonat (par.2) | (marka) ______ |

| Taqsima Ċ. Il-Kitba Funzjonali | (6 marki) | ___ 6 |
|---|---|---|

Agħżel **waħda** minn **Ċ1 JEW Ċ2**.

▶ **Ċ1.** Iz-ziju għadu kemm tak kelb biex trabbih. Hu tak struzzjonijiet kif għandek tieħu ħsiebu sabiex dan il-kelb jibqa b'saħħtu u kuntent. Ikteb dawn **l-istruzzjonijiet** f'madwar **40-60 kelma**.

**JEW**

▶ **Ċ2.** Il-ġenituri tiegħek ħarġu kmieni għax-xogħol għalhekk ħallewlek karta bl-istruzzjonijiet sabiex filgħodu tipprepara ħobża żgħira biż-żejt u t-tadam sabiex teħodha miegħek l-iskola. Ikteb dawn **l-istruzzjonijiet** f'madwar **40-60 kelma**.

| Immarka n-numru tal-mistoqsija magħżula ▶ | ❑ Ċ1 | ❑ Ċ2 |
|---|---|---|

| **D. Il-Letteratura** | **(30 marka)** | ____ **30** |
|---|---|---|

**Di. Il-Poeżija** (Nadriet 2 ta' Tarċisju Zarb) **(15-il marka)**

1. Din hija l-poeżija **It-Tokki tal-Paternoster** ta' Achille Mizzi

**Fejn hu l-Paternoster,**
**nann ...?**
**u l-kafé fl-istanjata**
**jgħanni**
**is-sħana tal-friex**
**irdussat ?**
**Fejn hu l-Paternoster**
**li jgerrex**
**bis-setgħat**
**tal-kampnari mirjieħa**
**l-għefiered**
**li jħufu**
**fid-dalma tal-lejl.**



a. Ma' min qiegħed jitkellem il-poeta f'din il-poeżija? X'tissejjaħ din?

_______________________________________________ **(2 marki)**

b. X'kien jisma' l-poeta waqt li kien idoqq il-Paternoster?

_______________________________________________ **(marka)**

ċ. Fejn kien ikun il-poeta waqt li kien jisma' l-Paternoster?

_______________________________________________ **(marka)**

d. F'liema parti tal-ġurnata kien idoqq il-Paternoster u għaliex kien idoqq dak il-ħin?

_______________________________________________ **(2 marki)**

e. Fejn kienu " jħufu" l-għefiered?

_______________________________________________ **(marka)**

f. Mill-poeżija sib mistoqsija retorika u iktibha.

_______________________________________________ **(marka)**

ġ. X'insejħulu l-vers li qiegħed jintuża f'din il-poeżija ?

____________________________________________________________________________(marka)

2. Aqra din l-istrofa meħuda mill-poeżija ta' Joe Friggieri, **Id-Dwejra** u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**Qabli kien hawn**
**dal-ġebel tiela' minn ġol-baħar**
**dal-blat maqtugħ tal-Ġeneral**
**das-sħab irqiq**
**iħokk mal-preċipizzju**
**daċ-ċagħaq jitgerbeb fuq ix-xatt**
**u dal-farfett-dragun dib-ix-xitan**
**iżiġġ fuq l-ilmijiet**
**u jerġa' lura.**



a. Fejn jinsab dan il-post li fuqu qiegħda titkellem il-poeżija ?

__________________________________________________________________________(marka)

b. Xi jrid ifisser l-poeta meta fl-ewwel vers jgħid "**Qabli**"?

__________________________________________________________________________(marka)

ċ. Għalxiex taħseb li qiegħed jirreferi l-poeta meta jgħid "**dal-blat maqtugħ tal-Ġeneral**"?

__________________________________________________________________________(marka)

d. X'kien hemm "**iħokk mal-preċipizzju**"?

__________________________________________________________________________(marka)

e. X'inhuma "**l-ilmijiet**" li qiegħed isemmi fil-poeżija?

__________________________________________________________________________ (marka

f. Il-messaġġ ewlieni ta'din il-poeżija hu dwar ?

i. in-natura li tibqa' għal dejjem ☐

ii. l-insetti li jibqgħu għal dejjem ☐

iii. il-bniedem li jibqa' għal dejjem. ☐ **(marka)**

**Dii. Ir-Rumanz** (Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta ta' Trevor Żahra) **(15-il marka)**

1. Semmi żewġ bnadar li għaraf Toni minn dawk li sab wara l-fuklar.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(2 marki)**

2. X'kienet tħobb iġġemma' n-nanna Ġolina u x'kienet tagħmel bihom?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ **(2 marki)**

3. F'madwar tliet sentenzi għid kif Toni kien iqabbel il-bniedem mal-bnadar.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ **(3 marki)**

4. F'madwar erba'sentenzi għid x'qal l-ispirtu ta' Paċifiku lil Toni meta dan ltaqa' miegħu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(4 marki)**

5. Agħżel karattru mir-rumanz u ikteb madwar **40 kelma** dwaru.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(4marki)

## E. Il-Komponiment (20 marka)

___
20

Agħżel **WIEĦED** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **200 kelma** fil-linji pprovduti.

1. **Narrattiv:** *Ibda l-komponiment b'dan li ġej.* Kien hemm dlam ċappa u bdejt ngħaġġel kemm niflaħ biex infittex nasal imma f'daqqa waħda smajt twerżiqa kbira ...

**Għajnuniet:**

- **Tinsiex li dan il-komponiment trid tibdieh bis-sentenza mogħtija.**
- Iddeskrivi minn fejn kont ġej jew fejn kont sejjer.
- Fejn ġrat din l-istorja?
- X'rajt meta ħarist?
- X'għamilt dak il-ħin?
- X'tgħallimt minn din l-istorja?

2. **Deskrittiv:** Il-ġirien tiegħi.

**Għajnuniet:**

- Iddeskrivi fejn toqgħod.
- Hemm xi ġirien li tħobb aktar minn oħrajn? Għaliex?
- Hemm xi ġirien li jdejquk? Għaliex?
- Liema ġirien huma kwieti jew storbjużi aktar minn oħrajn?
- Għid għaliex huwa importanti li dejjem iżżomm il-paċi u l-ħbiberija mal-ġirien tiegħek.

3. **Argumentattiv:** X'l-aħjar nużaw biex nivvjaġġaw, il-karozza tagħna jew mezzi oħra? Iddiskuti.

**Għajnuniet:**

- Taħseb li l-ħajja mgħaġġla tal-lum taffettwa l-mod ta' kif wieħed jagħżel li jivvjaġġa? Jekk iva kif?
- X'vantaġġi u żvantaġġi hemm meta tuża l-karozza tiegħek?
- X'mezzi oħra tista' tuża biex tivvjaġġa?
- X'vantaġġi jew żvantaġġi fihom dawn il-mezzi l-oħra?
- Fil-futur x'taħseb li għad nibdew nużaw biex nivvjaġġaw?

**Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek. (Ma jingħatawx marki għall-pjan.)**

| **Immarka n-numru tal-komponiment magħżul ▶** | ❑ **1** | ❑ **2** | ❑ **3** |
|---|---|---|---|

**TMIEM IL-KARTA**